



**UNJONI EWROPEA**

**IL-PARLAMENT EWROPEW**

**IL-KUNSILL**

**Strasburgu, 29 ta' April 2026  
(OR. en)**

**2023/0266(COD)  
LEX 2512**

**PE-CONS 22/26**

**TRANS 215  
CLIMA 190  
CODEC 651**

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL  
DWAR IL-KONTABILIZZAZZJONI TAL-EMISSJONIJIET TA' GASSIJET SERRA TAS-  
SERVIZZI TAT-TRASPORT**

**REGOLAMENT (UE) 2026/...**  
**TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**tad-29 ta' April 2026**

**dwar il-kontabbilizzazzjoni tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 91(1) u 100(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>1</sup>,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni<sup>2</sup>,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja<sup>3</sup>,

---

<sup>1</sup> ĠU C, C/2024/890, 6.2.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2024/890/oj>.

<sup>2</sup> ĠU C, C/2024/1982, 18.3.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2024/1982/oj>.

<sup>3</sup> Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' April 2024 (ĠU C, C/2025/1313, 13.3.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2025/1313/oj>) u l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tas-26 ta' Frar 2026 [(ĠU ...) (għadha mhijiex ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali)]. Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta'... [(ĠU ...)/(għadha mhijiex ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali)].

Billi:

- (1) L-appoġġ favur l-isforzi lejn aktar sostenibbiltà u effiċjenza tas-sistema tat-trasport tal-Unjoni huwa prerekwiżit biex jinżamm perkors stabbli lejn in-newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050, filwaqt li fl-istess ħin titqies il-ħtieġa li tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta u inklużiva, jiġi ppreservat it-tkabbir kontinwu u tissaħħaħ il-kompetittività tal-industrija Ewropea.

- (2) Il-kontabbilizzazzjoni tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tintuża f'diversi setturi ekonomiċi – inkluż it-trasport – biex tiġi kkwantifikata d-data dwar l-emissjonijiet ta' gassijiet serra minn attivitajiet speċifiċi ta' korpi pubbliċi, intrapriżi u konsumaturi. Informazzjoni aħjar dwar il-prestazzjoni tas-servizzi tat-trasport hija għodda b'saħħitha sabiex jinħolqu l-inċentivi xierqa biex l-utenti tat-trasport jagħmlu għażliet aktar sostenibbli, biex jiġu influwenzati d-deċiżjonijiet kummerċjali tal-operaturi tat-trasport, tal-organizzaturi tas-servizzi tat-trasport u tal-operaturi tal-hubs, u biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-entitajiet li jwettqu kuntratti ta' akkwist pubbliku. Data affidabbli u komparabbli dwar l-emissjonijiet ta' gassijiet serra hija r-rekwiżit sottostanti biex jinħolqu daww l-inċentivi, u b'hekk tiġi inċentivata bidla fl-imġiba fost il-korpi pubbliċi, l-intrapriżi u l-konsumaturi bl-istess mod, sabiex jingħata kontribut għall-oġettivi tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 intitolata "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew" għat-trasport, u r-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>4</sup>. Dan ir-Regolament jikkostitwixxi waħda mill-azzjonijiet meħuda mill-Unjoni lejn tranżizzjoni ekoloġika, flimkien ma' atti jew inizjattivi legali oħra tal-Unjoni, inkluż id-Direttiva (UE) 2024/825 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>5</sup>.

---

<sup>4</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1119/oj>).

<sup>5</sup> Id-Direttiva (UE) 2024/825 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Frar 2024 li temenda d-Direttivi 2005/29/KE u 2011/83/UE fir-rigward tal-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi għat-tranżizzjoni ekoloġika permezz ta' protezzjoni mtejba kontra prattiki żleali u permezz ta' informazzjoni aħjar (ĠU L, 2024/825, 6.3.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2024/825/oj>).

- (3) Minkejja l-interess dejjem jikber tal-partijiet ikkonċernati tat-trasport, l-adozzjoni ġenerali tal-kontabbilizzazzjoni tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport għadha limitata. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, l-utenti tat-trasport ma jiksbox informazzjoni preċiża dwar il-prestazzjoni tas-servizzi tat-trasport, u l-operaturi tat-trasport, l-organizzaturi tas-servizzi tat-trasport u l-operaturi tal-hubs ma jikkalkulawx u ma jiżvelawx l-emissjonijiet tagħhom. Adozzjoni sproporzjonament baxxa tal-kontabbilizzazzjoni tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra hija osservata b'mod partikolari fost l-intrapriżi mikro, żgħar u medji (SMEs) li jirrappreżentaw il-maġġoranza l-kbira tal-intrapriżi li joffru servizzi tat-trasport fis-suq intern. Fil-fatt, l-SMEs jiffaċċjaw b'mod sproporzjonat aktar piżijiet finanzjarji u amministrattivi meta jiddeċiedu li jikkalkulaw l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport tagħhom.
- (4) Il-Kummissjoni, fil-White Paper tagħha tat-28 ta' Marzu 2011 intitolata "Pjan direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport – Lejn sistema tat-trasport kompetittiva u li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti", tippreżenta viżjoni għall-futur tas-sistema tat-trasport tal-Unjoni u tiddefinixxi aġenda ta' politika biex tindirizza l-isfidi futuri tat-trasport, b'mod partikolari, il-ħtieġa li tinżamm u tiġi żviluppata l-mobbiltà u li jitnaqqsu b'mod konsiderevoli l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-operazzjonijiet tat-trasport u tal-loġistika.

- (5) Il-Kummissjoni, fil-komunikazzjoni tagħha tad-9 ta' Diċembru 2020 intitolata "Strateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti — inqiegħdu t-trasport Ewropew fit-triq it-tajba għall-futur", tirreferi għal inċentivi biex jintgħażlu l-opzjonijiet ta' trasport l-aktar sostenibbli, minn fost il-modi tat-trasport u bejniethom. Dawk l-inċentivi jinkludu l-istabbiliment ta' qafas Ewropew għall-kejl armonizzat tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mit-trasport u l-loġistika, ibbażat fuq standards rikonoxxuti globalment, li mbagħad ikun jista' jintuża biex jipprovdi lin-negozji u lill-utenti finali stima tal-impronta tal-karbonju tal-għażliet tagħhom, u biex iżid id-domanda mill-utenti finali u mill-konsumaturi għal soluzzjonijiet ta' trasport u mobbiltà aktar sostenibbli, filwaqt li jiġi evitat il-"greenwashing".
- (6) Il-gassijiet serra relatati mat-trasport u l-loġistika jiġu emessi matul l-operazzjonijiet tal-vetturi, l-operazzjonijiet tal-hubs tat-trasport u tal-loġistika, il-produzzjoni tal-vetturi tal-enerġija rispettivi, il-manifattura u t-tmiem tal-ħajja ta' vettura, u l-kostruzzjoni, u l-manutenzjoni tal-infrastruttura tat-trasport.

- (7) Għalhekk, l-istabbiliment ta' regoli armonizzati għall-kontabbilizzazzjoni tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport tal-merkanzija u tal-passiġġieri huwa xieraq biex jinkisbu ċifri komparabbli għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport u biex tiġi evitata informazzjoni qarrieqa dwar il-prestazzjoni tagħhom li tirriżulta meta jkun possibbli li wieħed jagħżel bejn diversi metodi għall-kalkolu tal-emissjoni u d-data tal-input. Jenħtieġ li regoli armonizzati bħal dawn jiżguraw kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni bejn l-entitajiet tat-trasport u tal-hubs tal-Unjoni u l-entitajiet tat-trasport u tal-hubs minn pajjiżi terzi, bejn il-modi tat-trasport, is-segmenti, u n-networks nazzjonali tat-trasport. Jenħtieġ li l-istabbiliment ta' regoli armonizzati jgħin ukoll biex jinħolqu inċentivi għal bidla fl-imġiba fost il-korpi pubbliċi, l-intrapriżi u l-konsumaturi biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mis-servizzi tat-trasport permezz tal-adozzjoni u l-użu ta' data komparabbli u affidabbli dwar l-emissjonijiet ta' gassijiet serra.
- (8) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jipprovdi qafas ta' referenza għall-kalkolu u l-iżvelar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, fuq bażi kuntrattwali jew volontarja għal finijiet kummerċjali, jew fejn tali kalkolu u żvelar ikunu meħtieġa mid-dritt tal-Unjoni jew dak nazzjonali applikabbli. Jenħtieġ li dak il-qafas ta' referenza jiffaċilita miżuri oħra għattnaqqis tal-emissjonijiet li jistgħu jittieħdu b'mod ulterjuri mill-awtoritajiet pubbliċi u mill-industrija, inkluż meta jiġu stabbiliti klawżoli ta' trasparenza dwar il-gassijiet serra fil-kuntratti tat-trasport, meta tiġi pprovduta informazzjoni dwar l-emissjonijiet ta' gassijiet serra ta' servizz ta' trasport lill-passiġġieri jew lill-klijenti, jew meta jiġu stabbiliti kriterji relatati mal-klima għal proċeduri ta' akkwist ekoloġiku.

- (9) Minkejja l-benefiċċji li jirriżultaw miż-żieda fit-trasparenza dwar il-prestazzjoni tas-servizzi tat-trasport, l-applikazzjoni obbligatorja ta' dan ir-Regolament għall-entitajiet kollha tat-trasport u tal-hubs li joffru servizzi tat-trasport fis-suq intern tkun sproporzjonata u twassal għal kostijiet u piżijiet eċċessivi. Għalhekk jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika biss għal dawk l-entitajiet li jiddeċiedu, jew li huma marbuta b'reġimi leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi rilevanti oħra, li jikkalkulaw l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport tal-merkanzija jew tal-passiġġieri li jibdew jew jintemmu fit-territorju tal-Unjoni u jiżvelaw din l-informazzjoni. Konsegwentement, dan jinkludi servizzi li l-punti tal-oriġini jew tad-destinazzjoni tagħhom jinsabu f'pajjiż terz. Fil-fatt, sabiex jiġi żgurat li s-servizzi tat-trasport rilevanti kollha jiġu kkontabilizzati u jiġu ggarantiti kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni bejn l-entitajiet tat-trasport u tal-hubs tal-Unjoni u l-entitajiet tat-trasport u tal-hubs minn pajjiżi terzi, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika għas-servizzi tat-trasport li jibdew u jintemmu barra mit-territorju tal-Unjoni, iżda li jieqfu fl-Unjoni sabiex jimbarkaw jew jiżbarkaw il-passiġġieri jew biex titgħabba jew tinħatt il-merkanzija.

- (10) Jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika għall-entitajiet li jikkalkulaw u jiżvelaw l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport, b'mod partikolari l-operaturi tat-trasport, l-organizzaturi tas-servizzi tat-trasport u l-operaturi tal-hubs, kif ukoll għall-ispedituri li jirrappreżentaw kategorija speċifika ta' utenti tat-trasport li jordnaw servizzi tat-trasport biex iċaqalqu l-merkanzija tagħhom lejn jew minn postijiet deżinjati u li, skont is-sitwazzjoni, jistgħu jieħdu wkoll ir-rwol ta' operatur tat-trasport, organizzatur tas-servizzi tat-trasport jew intermedjarju tad-data. Jenħtieġ li l-iżviluppaturi ta' għodod ta' kalkolu esterni, l-iżviluppaturi ta' bażijiet ta' data ta' partijiet terzi u l-korpi tal-valutazzjoni tal-konformità li jipprovdu servizzi ta' appoġġ għall-kalkolu jew għall-verifika tad-data dwar l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport ikunu marbuta b'regoli speċifiċi relatati, rispettivament, maċ-ċertifikazzjoni ta' għodod ta' kalkolu esterni, mal-kontroll tekniku tal-kwalità tal-valuri prestabbiliti għall-intensitajiet tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, u mal-attivitajiet ta' verifika u mal-proċeduri ta' akkreditazzjoni. Jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika wkoll għal dawg l-intermedjarji tad-data li jikkalkulaw l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport u jiżvelaw din l-informazzjoni. Meta l-intermedjarji tad-data sempliċiment jiksbu jew jikkombinaw data tal-output tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, u mbagħad jiżvelaw tali data tal-output, jenħtieġ li jkunu marbuta biss b'regoli rilevanti relatati mal-komunikazzjoni u t-trasparenza tad-data żvelata dwar l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, biex tiġi żgurata l-komparabbiltà ta' dik id-data tal-output fis-suq.

- (11) Il-kalkolu u l-iżvelar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jitwettqu b'mod diżaggregat, fil-livell tas-servizzi tat-trasport, f'konformità mal-metodoloġija għall-kalkolu tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport imsemmija f'dan ir-Regolament. Konsegwentement, jenħtieġ li dan ir-Regolament ma japplikax meta l-kalkolu u l-iżvelar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra jitwettqu f'forma aggregata. Dan jinkludi sitwazzjonijiet fejn l-iżvelar obligatorju ta' informazzjoni relatata mal-ambjent għar-rappurtar dwar is-sostenibbiltà u l-istabbiliment ta' kontijiet ambjentali għal finijiet statistiċi tkun derivata minn atti legali oħra tal-Unjoni, bħal dawk stabbiliti skont ir-Regolament (UE) Nru 691/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>6</sup> u d-Direttiva (UE) 2022/2464 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>7</sup>. Min-naħa l-oħra, jenħtieġ li jkun possibbli li tintuża l-informazzjoni miksuba abbażi ta' dan ir-Regolament biex tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' rapporti konsolidati dwar l-emissjonijiet meħtieġa skont liġijiet applikabbli oħra tal-Unjoni, dment li l-metodoloġiji rispettivi u d-data miġbura jkunu kompatibbli biżżejjed.

---

<sup>6</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 691/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2011 dwar il-kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej (ĠU L 192, 22.7.2011, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2011/691/oj>).

<sup>7</sup> Id-Direttiva (UE) 2022/2464 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 li temenda r-Regolament (UE) Nru 537/2014, id-Direttiva 2004/109/KE, id-Direttiva 2006/43/KE u d-Direttiva 2013/34/UE, fir-rigward tar-rappurtar korporattiv dwar is-sostenibbiltà (ĠU L 322, 16.12.2022, p. 15, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2022/2464/oj>).

- (12) Metodoloġija xierqa għall-kalkolu tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport hija waħda mill-aspetti ewlenin tal-qafas armonizzat tal-Unjoni stabbilit b'dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-metodoloġija tiżgura li l-kalkoli tal-emissjonijiet imwettqa tul katina tat-trasport jipprovdu data komparabbli u preċiża dwar l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, billi ssegwi sett wieħed ta' passi metodoloġiċi. Jenħtieġ li l-metodoloġija tqis ukoll b'mod adegwat il-ħtiġijiet tas-suq tat-trasport, sabiex jiġu evitati kumplessità żejda, piżijiet u kostijiet eċċessivi, b'mod partikolari għall-SMEs, u jenħtieġ li tkun fattibbli għall-partijiet ikkonċernati.
- (13) Jenħtieġ li l-istandard EN ISO 14083:2023 - Greenhouse gases — Quantification and reporting of greenhouse gas emissions arising from transport chain operations (l-“istandard EN ISO”) (Gassijiet serra — Il-kwantifikazzjoni u r-rappurtar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra li jirriżultaw mill-operazzjonijiet tal-katina tat-trasport), ippubblikat mill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni f'April 2023, ikun il-metodoloġija komuni għall-kalkolu tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport skont dan ir-Regolament. Il-promozzjoni tal-applikazzjoni tiegħu fl-Unjoni trawwem il-kompatibbiltà internazzjonali tal-kontabbilizzazzjoni tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u tiffaċilita aktar allinjament globali tal-metodoloġija applikata. L-analiżi tal-Kummissjoni wriet li l-istandard EN ISO huwa l-aktar standard rilevanti u proporzjonat fl-indirizzar tal-oġġettivi ta' dan ir-Regolament, inkluż biex tiżdied l-adozzjoni mis-suq u għall-komparabbiltà tad-data dwar l-emissjonijiet ta' gassijiet serra. Il-kalkolu tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra jitwettaq fuq bażi "mill-estrazzjoni sal-użu", li tinkludi l-emissjonijiet ta' gassijiet serra li jirriżultaw mill-provvista tal-enerġija u mill-użu tal-vetturi matul l-operazzjonijiet tat-trasport u tal-hubs.

- (14) Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni u l-korpi nazzjonali tal-istandardizzazzjoni tal-Istati Membri, hija impenjata li tiżgura aċċess sħiħ għal dan ir-Regolament.
- (15) L-emissjonijiet tul iċ-ċiklu tal-ħajja ġeneralment jitqiesu li jinkludu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-estrazzjoni sal-użu, u l-emissjonijiet mill-produzzjoni, il-manutenzjoni u r-rimi tal-vetturi, kif ukoll mill-infrastruttura relatata mat-trasport fejn ikun rilevanti, kif stabbilit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2279<sup>8</sup>. Madankollu, valutazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja tista' twassal għal kostijiet għoljin tal-implimentazzjoni u tesponi lill-entitajiet tat-trasport u tal-hubs għal kumplessità kontabilistika, b'mod partikolari għall-emissjonijiet li jirrigwardaw l-infrastruttura relatata mat-trasport. Għal raġunijiet ta' proporzjonalità u ta' kamp ta' applikazzjoni, jenħtieġ li dan ir-Regolament ma jirrikjedix l-użu ta' valutazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja mingħajr valutazzjoni mwettqa mill-Kummissjoni. Barra minn hekk, bl-oġettiv li għall-finijiet ta' dan ir-Regolament tinżamm referenza għal standards rikonoxxuti globalment, jenħtieġ li l-progress miksub fi ħdan l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni jiġi rrapportat, bħala parti minn dik il-valutazzjoni, fl-evalwazzjoni tal-Kummissjoni ta' dan ir-Regolament.

---

<sup>8</sup> Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2279 tal-15 ta' Diċembru 2021 dwar l-użu tal-metodi tal-Impronta Ambjentali għall-kejl u l-komunikazzjoni tal-prestazzjoni ambjentali taċ-ċiklu tal-ħajja ta' prodotti u ta' organizzazzjonijiet (ĠU L 471, 30.12.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reco/2021/2279/oj>).

- (16) Jenħtieġ li tingħata attenzjoni biex ma jkunx hemm devjazzjoni mill-għażliet metodoloġiċi tal-istandard EN ISO, sabiex jiġu evitati inkonsistenzi fil-kalkolu tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport fis-suq, speċjalment fil-kuntest tal-ktajjen tat-trasport internazzjonali. Madankollu, huwa xieraq li l-Kummissjoni tivvaluta l-ħtieġa għal aġġustament possibbli tal-istandard EN ISO mill-perspettiva tal-politiki tal-Unjoni, inkluż il-leġiżlazzjoni imminenti. Jekk il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tikkonkludi li emenda għall-istandard jew għal komponent tiegħu toħloq riskju ċar ta' inkompatibbiltà mal-objettivi ta' dan ir-Regolament jew ma' liġi applikabbli oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari mar-Regolament (UE) 2021/1119, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiegħu l-inizjattivi leġiżlattivi meħtieġa, fil-forma ta' atti delegati, biex tipprojbixxi l-applikazzjoni ta' dik l-emenda. Jekk dik il-valutazzjoni turi riskju li emenda għall-istandard jew għal komponent tiegħu jista' joħloq żbilanċi bla bżonn fil-kalkolu tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport f'segmenti speċifiċi tas-suq jew twassal għal diskrepanzi bejn dak l-istandard u l-objettivi ta' dan ir-Regolament jew dawk ta' liġi applikabbli oħra tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiegħu l-inizjattivi leġiżlattivi meħtieġa, fil-forma ta' atti ta' implimentazzjoni, biex titlob lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni biex jirrevedi l-istandard kif xieraq.
- (17) Sabiex tiġi evitata ċ-ċirkolazzjoni ta' informazzjoni mhux preċiża fis-suq, jista' jkun meħtieġ li tiġi ċċarata l-metodoloġija komuni fir-rigward tal-parametri u tas-suppożizzjonijiet rilevanti għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra użati għall-kalkolu tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra qabel ma jiġi pprovdut servizz. L-istess japplika għal parametri tekniċi rilevanti oħra relatati mal-allokkazzjoni tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra jew mal-aggregazzjoni tal-elementi tad-data fejn l-użu ta' dawk il-parametri ma jkunx iċċarat b'mod espliċitu f' dik il-metodoloġija komuni.

- (18) Għall-kalkolu tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport jistgħu jintużaw diversi tipi ta' data tal-input, inkluż data primarja u sekondarja. L-użu ta' data primarja jwassal għar-riżultati l-aktar affidabbli u preċiżi, u għalhekk jenħtieġ li jingħata prijorità biex tiġi prevista l-adozzjoni gradwali ta' dik id-data primarja fil-proċessi tal-kalkolu tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra. Jista' jagħti l-każ li d-data primarja ma tkunx tista' tinkiseb jew tkun għalja b'mod projbittiv għal ċerti partijiet ikkonċernati, speċjalment l-SMEs. Għalhekk, jenħtieġ li l-użu ta' data sekondarja jkun permess taħt kundizzjonijiet ċari. Madankollu, sabiex tinkiseb kontabbilizzazzjoni aktar preċiża tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, jenħtieġ li Stat Membru jkun jista' jipprevedi li l-użu ta' data primarja jkun obligatorju għal operazzjonijiet ta' trasport fit-territorju tiegħu minn entitajiet tat-trasport u tal-hubs, li n-numru ta' impjegati tagħhom jaqbeż limitu speċifiku stabbilit mil-liġi nazzjonali, fejn is-servizz tat-trasport jibda u jispiċċa fit-territorju tiegħu. Sabiex ma jfixklux is-servizzi tat-trasport internazzjonali u l-iżvilupp tal-SMEs, jenħtieġ li l-Istati Membri ma japplikawx tali rekwiżit għal operazzjonijiet ta' trasport transfruntieri, inkluż għal operazzjonijiet ta' trasport fi tranżitu mit-territorji tagħhom, jew għall-SMEs.
- (19) Mingħajr preġudizzju għar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jintroduċu inċentivi ta' natura amministrattiva, finanzjarja jew operazzjonali biex jstimulaw l-użu ta' data primarja.

- (20) Fir-rigward tad-data sekondarja, l-emissjonijiet ta' gassijiet serra ta' servizz tat-trasport jistgħu jiġu kkalkulati bl-użu ta' valuri prestabbiliti jew ta' data mmudellata. Jenħtieġ li l-valuri prestabbiliti jiġu stabbiliti u li d-data mmudellata tiġi żviluppata u aġġornata b'mod newtrali u oġġettiv, abbażi ta' sorsi fdati u parametri adegwati. Jenħtieġ li l-bażijiet ta' data ma jkunx fihom valuri prestabbiliti li jwasslu biex l-emissjonijiet ta' gassijiet serra li jirriżultaw jiġu strutturalment sottovalutati meta mqabbla mal-valuri magħrufa tad-dinja reali ta' servizzi komparabbli. F'każijiet bħal dawn, jenħtieġ li l-bażijiet ta' data ta' partijiet terzi ma jirċevux valutazzjoni pożittiva wara l-kontroll tekniku tal-kwalità.
- (21) Jenħtieġ li tiġi stabbilita bażi ta' data ewlenija tal-Unjoni ta' valuri prestabbiliti għall-intensitajiet tal-emissjoni ta' gassijiet serra ("bażi ta' data ewlenija tal-Unjoni") biex titjeb il-komparabbiltà tad-data tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra miksuba fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li dik il-bażi ta' data ewlenija tal-Unjoni tipprovdi biżżejjed granularità u tirrifletti l-ispeċifitajiet settorjali, reġjonali u nazzjonali fl-Unjoni kollha, u jenħtieġ li tinkludi tabelli separati għal kull mod ta' trasport. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura li l-bażi ta' data ewlenija tal-Unjoni tiġi aġġornata regolarment, u jenħtieġ li tivvaluta fuq bażi annwali jew aktar ta' spiss il-ħtieġa għal aġġornamenti. Id-data dwar it-trasport marittimu jenħtieġ li tiġi derivata mill-bażi ta' data "THETIS-MRV" u kkomplementata, fejn applikabbli, b'sorsi oħra ta' informazzjoni bħall-bażi ta' data FuelEU. Madankollu, minħabba l-ispeċifitajiet settorjali, reġjonali u nazzjonali ta' daww il-valuri prestabbiliti fl-Unjoni kollha, jenħtieġ li jkun permessi bażijiet ta' data u settijiet ta' data rilevanti oħra operati minn partijiet terzi, bil-kundizzjoni li jsir ilhom kontroll tekniku tal-kwalità fil-livell tal-Unjoni.

- (22) Meta tiġi stabbilita l-intensità tal-emissjoni ta' gassijiet serra ta' servizz tat-trasport, il-fatturi tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra għall-vetturi tal-enerġija tat-trasport huma meħtieġa li jiksbu stimi tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra li jirriflettu l-ammont ta' enerġija użata f'perspettiva "mill-estrazzjoni sal-użu". Għalhekk, jenħtieġ li tiġi stabbilita bażi ta' data ċentrali tal-Unjoni b'valuri prestabbiliti tal-fatturi tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra ("bażi ta' data ċentrali tal-Unjoni") tal-vetturi tal-enerġija tat-trasport biex jiġu ggarantiti l-komparabbiltà u l-kwalità tad-data tal-input.
- (23) Jenħtieġ li jiġi mħeġġeġ approċċ abbażi tal-post, dment li jiġi żgurat sett ta' valuri tal-intensità aġġornati u preċiżi għall-Istati Membri differenti, meta jiġu kkwantifikati emissjonijiet relatati mal-użu ta' elettriku abbażi ta' valuri aġġornati u preċiżi tal-intensità tal-emissjoni għal kull Stat Membru. Fejn xieraq u fejn ikun żviluppat biżżejjed, jista' jiġi applikat approċċ ibbażat fuq is-suq, dment li jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness J tal-istandard EN ISO.
- (24) Jenħtieġ li, fejn disponibbli u xieraq, il-bażi ta' data ewlenija tal-Unjoni u l-bażi ta' data ċentrali tal-Unjoni, jinkludu valuri prestabbiliti maqbula mill-Unjoni, jew fl-interess tal-Unjoni, fil-livell internazzjonali. Minħabba l-ispeċifità jiet settorjali, reġjonali u nazzjonali fl-Unjoni kollha, jenħtieġ li l-bażi ta' data ewlenija tal-Unjoni u l-bażi ta' data ċentrali tal-Unjoni jirriflettu t-tipi ta' vetturi u l-vetturi tal-enerġija tat-trasport użati tipikament fl-Unjoni, f'xi wħud mill-Istati Membri jew fl-Istati Membri kollha. Jenħtieġ li l-bażi ta' data ewlenija tal-Unjoni u l-bażi ta' data ċentrali tal-Unjoni jirriflettu wkoll il-karatteristiċi uniċi ta' Stati Membri differenti.

- (25) Jenħtieġ li l-iżvilupp u l-manutenzjoni tal-bażi ta' data ewlenija tal-Unjoni u l-bażi ta' data ċentrali tal-Unjoni, kif ukoll il-kontroll tekniku tal-kwalità tal-bażijiet ta' data u tas-settijiet ta' data operati minn partijiet terzi jitwettqu minn korp newtrali u kompetenti li jopera fil-livell tal-Unjoni. B'kont meħud tal-mandat tagħha, l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent tinsab fl-aħjar pożizzjoni biex tipprovdi l-assistenza teknika meħtieġa għall-implimentazzjoni xierqa tad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan ir-Regolament. Fejn meħtieġ, jenħtieġ li din il-ħidma tiddependi mill-kontributi ta' korpi settorjali oħra tal-Unjoni, u tiġi appoġġata minnhom, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni. Fejn ikun neċessarju, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jipprovdu lill-Kummissjoni b'input addizzjonali u volontarju.
- (26) Jenħtieġ li jkun possibbli li tintuża data mmudellata jekk tkun ibbażata fuq mudell stabbilit f'konformità mal-metodoloġija komuni u, fejn rilevanti, dispożizzjonijiet oħra dwar l-użu ta' data sekondarja u ta' għodod ta' kalkolu stabbiliti f'dan ir-Regolament.

- (27) Ir-Regolament (UE) 2015/757 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>9</sup> u d-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>10</sup> jirrikjedu l-ġbir, il-kejl, il-kalkolu u r-rappurtar annwali tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-bastimenti u mill-inġenji tal-ajru, rispettivament. Ir-Regolament (UE) 2015/757 u d-Direttiva 2003/87/KE huma sa ċertu punt komplementari għal dan ir-Regolament, speċjalment f'termini tal-produzzjoni ta' data dwar il-fjuwil maħruq bħala input għall-kwantifikazzjoni tal-emissjonijiet ta' servizzi tat-trasport, għad-distanza vvjaġġata jew l-ammont ta' merkanzija li nġarret. Jenħtieġ li jkun possibbli wkoll li tintuża data tal-input għall-ġenerazzjoni tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport li joriġinaw mill-implimentazzjoni ta' oqfsa leġiżlattivi oħra, bħar-Regolament (UE) 2019/631<sup>11</sup>,

---

<sup>9</sup> Ir-Regolament (EU) 2015/757 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar il-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika ta' emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mit-trasport marittimu, u li jemenda d-Direttiva 2009/16/KE (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 55, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2015/757/oj>).

<sup>10</sup> Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2003/87/oj>).

<sup>11</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 li jistabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 443/2009 u (UE) Nru 510/2011 (ĠU L 111, 25.4.2019, p. 13, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/631/oj>).

(UE) 2019/1242<sup>12</sup>, (UE) 2023/1805<sup>13</sup>, jew (UE) 2023/2405 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>14</sup>. Billi huwa xieraq li ssir referenza għal standard komuni fl-atti legali rilevanti kollha tal-Unjoni fil-qasam tat-trasport, jenħtieġ li l-Kummissjoni tagħmel hilita biex tiżgura l-kompatibbiltà u l-konsistenza ta' dan ir-Regolament mal-atti legali eżistenti tal-Unjoni u ma' inizjattivi futuri. B'mod partikolari jenħtieġ li, fl-inizjattivi imminenti u fi kwalunkwe leġiżlazzjoni sekondarja, il-Kummissjoni tagħmel hilita biex tirrikjedi li kwalunkwe kontabbilizzazzjoni tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport b'mod diżaggregat tkun ibbażata fuq il-metodoloġija komuni msemmija f'dan ir-Regolament.

- (28) Bil-fini li jiġi ffaċilitat il-ġbir ta' data preċiża, il-kalkoli sussegwenti, u l-użu ta' data primarja mill-SMEs, jenħtieġ li l-ġhoti ta' aċċess għal data ta' ġol-vettura jiġi kkunsidrat fil-kuntest ta' kwalunkwe proposta leġiżlattiva futura relatata mal-aċċess għad-data ta' ġol-vettura.

---

<sup>12</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/1242 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi standards tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> għall-vetturi tqal ġodda u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 595/2009 u (UE) 2018/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 202, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1242/oj>).

<sup>13</sup> Ir-Regolament (EU) 2023/1805 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2023 dwar l-użu ta' karburanti rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fit-trasport marittimu, u li jemenda d-Direttiva 2009/16/KE (ĠU L 234, 22.9.2023, p. 48, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/1805/oj>).

<sup>14</sup> Ir-Regolament (UE) 2023/2405 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ottubru 2023 dwar l-iżgurar ta' kondizzjonijiet ekwi għal trasport bl-ajru sostenibbli (ReFuelEU Aviation) (ĠU L, 2023/2405, 31.10.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2405/oj>).

- (29) Sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u biex tiġi limitata l-kumplessità tal-kalkoli filwaqt li jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi u finanzjarji, jenħtieġ li l-Kummissjoni tipprovdi għodda ta' kalkolu online simplifikata, mingħajr ħlas, aċċessibbli mill-pubbliku u faċli biex tintuża, imfassla b'mod partikolari għall-operaturi tat-trasport mikro, żgħar u ta' daqs medju. Jenħtieġ li l-għodda ta' kalkolu tiġi żviluppata f'konformità mal-metodoloġija komuni stabbilita f'dan ir-Regolament, sabiex l-użu tagħha jiżgura l-korrettezza tal-kalkolu mwettaq. Jenħtieġ li tiffaċilita l-kalkoli bbażati fuq data primarja, u jenħtieġ li tippermetti l-użu ta' data sekondarja rilevanti, inkluż fatturi tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, u, fejn disponibbli, valuri prestabbiliti għall-intensità tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra derivati mill-bażijiet ta' data rikonnoxxuti skont dan ir-Regolament. Jenħtieġ li tkun issupplimentata b'manwal li jgħin fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u jispijega kif tiffunzjona l-għodda ta' kalkolu. Jenħtieġ li l-għodda ta' kalkolu tiġi aġġornata perjodikament. Jenħtieġ li tindirizza l-lakuni fid-data fil-katina tal-informazzjoni, tippromwovi kontabbilizzazzjoni uniformi tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra għas-servizzi tat-trasport l-aktar tipiċi, ittejjeb it-trasparenza u l-komparabbiltà tad-data, u tikkontribwixxi għas-sensibilizzazzjoni u l-inċentivar tal-adozzjoni tal-kalkolu tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra skont dan ir-Regolament.
- (30) Huwa xieraq li jiġu stabbiliti metriċi komuni biex tiġi espressa d-data tal-output tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra li huma l-bażi tal-komparabbiltà ta' dik id-data u li tippermetti valutazzjoni komparattiva effettiva ta' diversi servizzi tat-trasport. Jenħtieġ li l-metriċi komuni jippermettu wkoll komunikazzjoni ċara minn fornitur tad-data u fehim preċiż ta' dik il-komunikazzjoni minn riċevitur tad-data.

- (31) Jenħtieġ li kwalunkwe informazzjoni diżaggregata dwar l-emissjonijiet ta' gassijiet serra ta' servizz tat-trasport li tiġi żvelata lil parti terza għal finijiet kummerċjali jew regolatorji f'konformità ma' dan ir-Regolament tinkludi b'mod indispensabbli u prominenti d-data tal-output stabbilita skont ir-regoli speċifiċi għall-kalkolu tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport stabbiliti b'dan ir-Regolament. Jistgħu jiżdiedu elementi addizzjonali tad-data, li jservu finijiet oħra għajr dawk definiti skont dan ir-Regolament, meta rilevanti.
- (32) L-iżvelar ta' informazzjoni dwar l-emissjonijiet ta' gassijiet serra qabel il-forniment ta' servizz tat-trasport huwa kruċjali biex ihegġegħ proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq informazzjoni valida mill-entitajiet pubbliċi, l-intrapriżi u l-konsumaturi, u jinfluwenza l-akkwist pubbliku mill-awtoritajiet pubbliċi u d-deċiżjonijiet kummerċjali ta' entitajiet tat-trasport u tal-hubs li jipprovdu u jorganizzaw dawk is-servizzi tat-trasport fis-suq. Għalhekk jenħtieġ li l-informazzjoni dwar l-emissjonijiet ta' gassijiet serra relatata ma' servizz tat-trasport speċifiku tiġi żvelata, kull meta jkun possibbli, qabel il-forniment tas-servizz tat-trasport. Madankollu, jenħtieġ li jkun possibbli li tiġi żvelata informazzjoni dwar l-emissjonijiet ta' gassijiet serra wara l-forniment tas-servizz tat-trasport, b'mod partikolari fejn il-komunikazzjonijiet bejn l-intrapriżi jeħtieġ li jkollhom livell aktar dettaljat ta' informazzjoni, b'mod partikolari fil-kuntest tal-ktajjen loġistiċi u r-relazzjonijiet kuntrattwali tas-sottokuntrattar, jew għall-fini tal-użu ta' data primarja.

- (33) Sabiex jagħtu prova tal-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, jenħtiegħ li l-entitajiet tat-trasport u tal-hubs u l-intermedjarji tad-data li jikkalkulaw u jiżvelaw data tal-output dwar l-emissjonijiet ta' gassijiet serra ta' servizz tat-trasport ikunu jistgħu jipprovdu evidenza biex jissostanzjaw id-data tal-output. Jenħtiegħ li dik l-evidenza tiġi pprovduta skont ir-regoli dwar ir-rappurtar fil-livell ta' servizz tat-trasport stabbiliti bl-istandard EN ISO, u jenħtiegħ li tkun disponibbli fuq talba ta' awtorità kompetenti, bħal qorti, jew parti terza oħra jekk dan ikun meħtiegħ skont obbligi legali jew kuntrattwali separati.
- (34) Sakemm ma japplikawx arranġamenti separati, jenħtiegħ li intermedjarju tad-data li jiġbor informazzjoni dwar l-emissjonijiet ta' gassijiet serra ta' servizz tat-trasport minn entitajiet tat-trasport u tal-hubs jew minn persuni fiżiċi jew ġuridicirilevanti oħra, u jiżvelaha fis-suq, ma jitqiesx responsabbli jekk dik l-informazzjoni tikser xi wieħed mir-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament b'rabta mal-kalkolu u mal-verifika tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport, u maċ-ċertifikazzjoni tal-għodod ta' kalkolu. Madankollu, l-intermedjarju tad-data jenħtiegħ li jagħmel ħiltu biex jevita li jiżvela informazzjoni mhux preċiża jew mhux korretta, u jenħtiegħ li jirrispetta r-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament relatati mad-data tal-output tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, u mal-komunikazzjoni u mat-trasparenza. Barra minn hekk, jenħtiegħ li l-intermedjarju tad-data jipprovdi s-sors ta' dik l-informazzjoni biex jippermetti li jiġi identifikat il-fornitur tal-informazzjoni kkonċernat.

- (35) L-għodod ta' kalkolu esterni li huma pprovduti fis-suq minn parti terza għall-użu kummerċjali u mhux kummerċjali usa' jistgħu jiffaċilitaw il-kontabbilizzazzjoni tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport, u b'hekk jappoġġaw l-adozzjoni tagħha minn gruppi usa' ta' partijiet ikkonċernati. Jenġtieg li l-għodod ta' kalkolu esterni jiġu ċertifikati biex jiggarantixxi li jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, speċjalment fir-rigward tal-użu tal-metodoloġija komuni u ta' sett xieraq ta' data tal-input.

- (36) Jenħtieġ li sistema mfasstla kif xieraq għall-verifika tal-konformità tad-data tal-output tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra żvelata fis-suq u l-proċessi ta' kalkolu sottostanti mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament iżżid sostanzjalment il-fiduċja fl-affidabbiltà u l-preċiżjoni ta' dik id-data. B'mod speċifiku, jenħtieġ li tistabilixxi kundizzjonijiet dettaljati li jirregolaw il-verifika, irrISPettivament minn jekk ikunx ikkonċernat servizz ta' darba jew regolari, inkluż il-frekwenza xierqa tal-kontrolli, u l-arranġamenti proċedurali, filwaqt li jitqiesu kif xieraq in-natura u l-iskala tas-servizzi tat-trasport ikkonċernati u l-ħtieġa li jiġu evitati piżijiet amministrattivi sproporzjonati. Jenħtieġ li l-entitajiet tat-trasport u tal-hubs u l-intermedjarji tad-data li jkunu għaddew mill-valutazzjoni tal-konformità jkunu intitolati jiksbu prova tal-konformità, li tkun rikonoxxuta b'mod komuni fl-Unjoni kollha. Meta tiġi inkluża data primarja, jenħtieġ li l-prova tal-konformità tirrikonoxxi l-inklużjoni tagħha, speċjalment biex tinċentiva l-ġbir u l-użu ta' data primarja minn kwalunkwe entità kkonċernata minn dan ir-Regolament. Il-verifika tad-data tal-output jenħtieġ li tinkludi l-komparabbiltà ta' tali data tal-output, inkluż fir-rigward tal-kalkolu tad-distanza, fejn id-devjazzjonijiet mid-distanza taċ-ċirku l-kbir u l-iqsar distanza fattibbli jenħtieġ li jiġu vverifikati għall-konsistenza tagħhom mal-istandard EN ISO.

- (37) Il-piż amministrattiv marbut mal-verifika jista' jkun sproporzjonat għal intrapriżi iżgħar u għalhekk jenħtieġ li jiġi evitat. Għal dak l-għan, jenħtieġ li l-SMEs jiġu eżentati mir-rekwiżiti relatati mal-verifika, dment li daww l-SMEs ma jkunux jixtiequ jiksbu prova tal-konformità. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-intrapriżi l-kbar iqisu l-prinċipju tal-proporzjonalità meta jikkunsidraw li jitolbu l-verifika tal-konformità mis-sħab tal-katina tal-valur, b'mod partikolari mill-SMEs.

(38) L-atti legali tal-Unjoni fis-settur tat-trasport diġà jistabbilixxu regoli dwar ir-rekwiżiti ta' verifika tal-emissjonijiet, b'mod partikolari r-Regolamenti (UE) 2015/757 u (UE) 2023/1805 għas-settur marittimu, u d-Direttiva 2003/87/KE għas-settur tal-avjazzjoni. Sabiex jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi, jenħtieġ li l-verifikaturi akkreditati skont dawk l-atti jitqiesu akkreditati skont dan ir-Regolament biex iwettqu attivitajiet ta' verifika fis-settur rilevanti li joperaw fih, dment li jinfurmaw lill-awtoritajiet nazzjonali maħturin bl-intenzjoni tagħhom li jwettqu tali attivitajiet ukoll skont dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-korpi tal-valutazzjoni tal-konformità jkunu entitajiet legali indipendenti u kompetenti, akkreditati minn korpi nazzjonali ta' akkreditazzjoni stabbiliti f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>15</sup>. Ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 dwar l-akkreditazzjoni tal-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità japplika orizzontalment, inkluż għall-verifikaturi akkreditati skont ir-Regolamenti (UE) 2015/757 u (UE) 2023/1805 u d-Direttiva 2003/87/KE u għall-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità akkreditati skont dan ir-Regolament. Ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 ikopri wkoll sitwazzjonijiet fejn il-korpi nazzjonali ta' akkreditazzjoni jkollhom l-awtorità jieħdu miżuri xierqa jekk korp ta' valutazzjoni tal-konformità ma jibqax kompetenti biex iwettaq attività speċifika ta' valutazzjoni tal-konformità jew jekk ikun kiser serjament l-obbligi tiegħu.

---

<sup>15</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditazzjoni u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 339/93 (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2008/765/oj>).

- (39) Meta d-data tal-output diżaggregata dwar l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport tkun diġà ġiet ivverifikata f'konformità ma' regoli speċifiċi stabbiliti minn atti legali oħra tal-Unjoni, inkluż, għas-settur marittimu, ir-Regolament (UE) 2015/757 u l-atti delegati adottati abbażi tiegħu jew ir-Regolament (UE) 2023/1805 u l-atti delegati adottati abbażi tiegħu, u, għas-settur tal-avjazzjoni, id-Direttiva 2003/87/KE u l-atti ta' implimentazzjoni adottati abbażi tagħha, jenħtieġ li d-data inkwistjoni titqies li ġiet ivverifikata skont dan ir-Regolament.

- (40) Sabiex ikun possibbli l-funzjonament effiċjenti ta' dan ir-Regolament u biex jiġi ssupplimentat b'regoli addizzjonali fejn hemm bżonn, jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-valutazzjoni ta' emenda għall-istandard EN ISO, u, fejn meħtieġ, tipprojbixxi l-applikazzjoni tiegħu, il-valutazzjoni u l-esklużjoni ta' ċerti elementi tal-metodoloġija komuni, l-adattament tal-metriċi komuni għad-data tal-output dwar l-emissjonijiet ta' gassijiet serra u l-istabbiliment ta' metodi u kriterji ulterjuri għallakkreditazzjoni tal-korpi tal-valutazzjoni tal-konformità. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet<sup>16</sup>. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

---

<sup>16</sup> Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1, ELI: [http://data.europa.eu/eli/agree\\_interinst/2016/512/oj](http://data.europa.eu/eli/agree_interinst/2016/512/oj)).

- (41) Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni biex tistabilixxi dispożizzjonijiet dettaljati dwar talbiet lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni biex jirrevedi l-istandard EN ISO, il-kjarifika tal-metodoloġija komuni, l-istabiliment ta' regoli u kundizzjonijiet biex jitwettaq il-kontroll tekniku tal-kwalità tal-bażijiet ta' data ta' partijiet terzi, l-istabiliment tal-ġhodda ta' kalkolu tal-UE, iċ-ċertifikazzjoni ta' ġhodod ta' kalkolu esterni, u l-verifika tad-data tal-output. Jenħtieġ li daww is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>17</sup>.

---

<sup>17</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jstabilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2011/182/oj>).

(42) Minħabba li l-objettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-inċentivar tal-bidla fl-imġiba mill-korpi pubbliċi, mill-intrapriżi u mill-konsumaturi biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mis-servizzi tat-trasport, permezz tal-adozzjoni u l-użu ta' data komparabbli u affidabbli dwar l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri mingħajr ma jirriskjaw li jintroduċu ostakli amministrattivi fuq is-suq intern li jinvolvu kostijiet u piż amministrattiv addizzjonali għall-industriji iżda jista' pjuttost, minħabba l-effett ta' armonizzazzjoni tal-metodoloġija komuni għall-kalkolu tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport stabbilita f'dan ir-Regolament, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-objettiv,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

# Kapitolu I

## Dispożizzjonijiet ġenerali

### *Artikolu 1*

#### *Suġġett u kamp ta' applikazzjoni*

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli għall-kontabbilizzazzjoni tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport li jibdeu jew jintemmu fit-territorju tal-Unjoni, fejn tiġi kkalkulata u żvelata informazzjoni diżaggregata dwar dawk l-emissjonijiet, fuq bażi kuntrattwali jew volontarja għal finijiet kummerċjali, jew fejn tali kalkolu u żvelar ikunu meħtieġa mil-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali applikabbli.

Dan ir-Regolament japplika għal:

- (a) l-operaturi tat-trasport, l-organizzaturi tas-servizzi tat-trasport u l-operaturi tal-hubs;
- (b) l-intermedjarji tad-data;
- (c) l-iżviluppaturi ta' għodod ta' kalkolu;
- (d) l-iżviluppaturi ta' bażijiet ta' data ta' partijiet terzi; u
- (e) il-korpi tal-valutazzjoni tal-konformità.

*Artikolu 2*  
*Definizzjonijiet*

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "gass serra" tfisser kostitwent gassuż tal-atmosfera, kemm naturali kif ukoll antropoġeniku, li jassorbi u jarmi radjazzjoni f'tul ta' mewġa speċifiku fl-ispettru tar-radjazzjoni infraħamra emessa mill-wiċċ tad-dinja, mill-atmosfera u mis-sħab;
- (2) "emissjoni ta' gassijiet serra" tfisser ir-rilaxx ta' gass serra fl-atmosfera espress f'massa ta' ekwivalenti ta' diossidu tal-karbonju;
- (3) "kontabbilizzazzjoni tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra" tfisser l-azzjonijiet imwettqa għall-kwantifikazzjoni, permezz ta' kejl u kalkoli, u użati għar-rapportar, tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra;
- (4) "servizz tat-trasport" tfisser it-trasport ta' merkanzija jew ta' passiġġier minn oriġini għal destinazzjoni; servizz tat-trasport jista' jimplika element wieħed jew aktar tal-katina tat-trasport li jeħtieġu kemm operazzjonijiet tat-trasport u operazzjonijiet tal-hub;
- (5) "operazzjoni tat-trasport" tfisser it-tħaddim ta' vettura sabiex jiġu ttrasportati l-passiġġieri u/jew il-merkanzija;
- (6) "operazzjoni tal-hub" tfisser operazzjoni sabiex jiġu ttrasferiti merkanzija jew passiġġieri minn ġo hub;

- (7) "katina tat-trasport" tfisser sekwenza ta' elementi tat-trasport relatati mal-merkanzija jew ma' (grupp ta') passiġġier(i) li, meta jittieħdu flimkien, jikkostitwixxu l-moviment tagħha minn oriġini sa destinazzjoni;
- (8) "element tal-katina tat-trasport" tfisser taqsima ta' katina tat-trasport li fiha l-merkanzija jew (grupp ta') passiġġier(i) jinġarr minn vettura waħda jew jgħaddi minn hub wieħed;
- (9) "data primarja" tfisser il-valur kwantifikat ta' proċess jew attività miksuba minn kejl dirett jew ta' kalkolu bbażat fuq kejl dirett;
- (10) "data sekondarja" tfisser jew data mmudellata jew valuri prestabbiliti li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti biex jitqiesu data primarja, inkluż data minn bażijiet ta' data u letteratura ppubblikata, fatturi prestabbiliti tal-valuri għall-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-inventarji nazzjonali, data kkalkulata, stimi jew data rappreżentattiva oħra u data miksuba minn proċessi indikaturi jew minn stimi;
- (11) "organizzatur ta' servizzi tat-trasport" tfisser entità li tipprovdi servizzi tat-trasport li fihom l-operazzjoni ta' xi elementi tal-katina tat-trasport tiġi sottokuntrattata lil entità waħda jew aktar li toperahom;
- (12) "operatur tat-trasport" tfisser entità li twettaq operazzjonijiet tat-trasport li jinvolvu l-ġarr ta' merkanzija jew ta' passiġġieri, jew it-tnejn li huma;
- (13) "operatur tal-hub" tfisser entità li twettaq operazzjonijiet tal-hub li jinvolvu l-ġarr ta' merkanzija jew ta' passiġġieri;

- (14) "entitajiet tat-trasport u tal-hub" tfisser organizzatur tas-servizz tat-trasport, operatur tat-trasport u operatur tal-hub;
- (15) "intermedjarju tad-data" tfisser persuna ġuridika jew fiżika li tipprovdi informazzjoni dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport li jibdew jew jintemmu fit-territorju tal-Unjoni, iżda li ma tipprovdux jew ma torganizzax dawk is-servizzi;
- (16) "intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju" jew "SMEs" tfisser mikrointrapriżi, intrapriżi żgħar u intrapriżi ta' daqs medju, kif imsemmi fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE<sup>18</sup>.
- (17) "valur prestabbilit" tfisser valur tad-data sekondarja meħud minn sors ippubblikat, li jitqies bħala prestabbilit fejn ikun hemm nuqqas ta' data primarja jew immudellata;
- (18) "vettur tal-enerġija" tfisser sustanza jew fenomenu li jista' jintuża għall-produzzjoni ta' xogħol mekkaniku jew ta' tiżhin jew biex jiġu operati proċessi kimiċi jew fiżiċi;
- (19) "data mmudellata" tfisser data sekondarja stabbilita bl-użu ta' mudell li jqis id-data primarja u/jew il-parametri rilevanti għall-emissjonijiet tal-gassijiet serra ta' operazzjoni tat-trasport jew operazzjoni tal-hub, inkluż bl-użu ta' mudell ipprovdut permezz ta' għodda ta' kalkolu;

---

<sup>18</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reco/2003/361/oj>).

- (20) "data tal-output" tfisser data diżaggregata dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra ta' servizz tat-trasport stabbilita bl-użu tal-metodoloġija komuni u d-data tal-input kif stipulat minn dan ir-Regolament;
- (21) "vettura" tfisser mezz għat-trasport tal-passiġġieri jew tal-merkanzija, jew tat-tnejn, fil-modi kollha tat-trasport;
- (22) "attività ta' gassijiet serra" tfisser attività li tirriżulta f'emissjoni ta' gassijiet serra;
- (23) "data dwar attività ta' gassijiet serra" tfisser kejl kwantitattiv ta' attività ta' gassijiet serra;
- (24) "intensità tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra" tfisser koeffiċjent li jirrelata l-attività tat-trasport jew l-attività tal-hub mal-emissjoni ta' gassijiet serra;
- (25) "fattur ta' emissjoni tal-gassijiet serra" tfisser koeffiċjent li jirrelata d-data dwar l-attività ta' gassijiet serra mal-emissjoni ta' gassijiet serra;
- (26) "emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-estrazzjoni sal-użu" tfisser emissjonijiet li jirrappreżentaw l-impatt tal-gassijiet serra li jirriżulta mill-użu ta' vetturi u l-operat tal-hubs tat-trasport, u mill-forniment tal-enerġija lil dawk is-servizzi;
- (27) "għodda ta' kalkolu" tfisser applikazzjoni, mudell jew software li jippermettu l-kalkolu awtomatiku tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra ta' servizz tat-trasport;

- (28) "għodda ta' kalkolu esterna" tfisser għodda ta' kalkolu li hija pprovduta fis-suq minn parti terza għall-użu kummerċjali jew mhux kummerċjali wiesgħa;
- (29) "ekwivalenti ta' diossidu tal-karbonju (CO<sub>2</sub>e)" tfisser unità għat-tqabbil tal-forza radjattiva ta' gass serra ma' dik tad-diossidu tal-karbonju;
- (30) "korp ta' valutazzjoni ta' konformità" tfisser korp tal-valutazzjoni tal-konformità kif definit fl-Artikolu 2(13) tar-Regolament (KE) Nru 765/2008;

## **Kapitolu II**

### **Metodoloġija komuni**

#### *Artikolu 3*

#### *Metodoloġija komuni għall-kalkolu tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport*

1. L-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport għandhom jiġu kkalkulati abbażi tal-metodoloġija komuni skont it-tifsira tal-EN ISO 14083:2023 - Gassijiet serra — Il-kwantifikazzjoni u r-rappurtar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra li jirriżultaw mill-operazzjonijiet tal-katina tat-trasport (l-“istandard EN ISO”), fil-verżjoni aġġornata tiegħu, kif speċifikat f'dan il-Kapitolu.
2. Mhux aktar tard minn ... [36 xahar mid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-ħtieġa għal aġġustament ta' kwalunkwe komponent tal-istandard EN ISO.

3. Il-Kummissjoni tista', fuq inizjattiva tagħha stess jew fuq talba ta' Stat Membru, tniedi kontroll tal-konformità biex tivvaluta kwalunkwe emenda għall-istandard EN ISO u l-ħtieġa għal aġġustament sussegwenti.
4. B'deroga mill-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 17 ta' dan ir-Regolament biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tidentifika emendi għall-istandard EN ISO jew għal kwalunkwe komponent tiegħu msemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu li joħolqu riskju ċar ta' inkompatibbiltà mal-oġettivi ta' dan ir-Regolament u mal-liġi applikabbli oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari mar-Regolament (UE) 2021/1119, u li għalhekk ma għandhomx japplikaw.
5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni biex titlob lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni jirrevedi l-istandard EN ISO, abbażi tar-riżultat tal-valutazzjoni previst fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u l-kontroll tal-konformità previst fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 18(2).

6. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu regoli dettaljati biex jiċċaraw il-metodoloġija komuni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni uniformi tagħha fis-suq fir-rigward tal-approċè għad-determinazzjoni ta' parametri xierqa rilevanti għall-emissjonijiet għall-kalkolu tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra qabel ma jiġi pprovdut servizz tat-trasport, u, meta applikabbli, li jistabbilixxu parametri tekniċi oħra relatati mal-allokazzjoni tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra jew mal-aggregazzjoni tal-elementi tad-data li ma humiex spjegati b'mod espliċitu f'dik il-metodoloġija komuni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 18(2).

## **Kapitolu III**

### **Data tal-input u sorsi tagħha**

#### *Artikolu 4*

##### *L-użu ta' data primarja u sekondarja*

1. L-entitajiet tat-trasport u tal-hub u l-intermedjarji tad-data għandhom jagħtu prijorità lill-użu ta' data primarja għall-kalkolu tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport.

Stat Membru jista' jipprevedi li l-użu ta' data primarja jkun obligatorju għal operazzjonijiet ta' trasport li jitwettqu fit-territorju tiegħu minn entitajiet tat-trasport u tal-hub, li n-numru ta' impjegati tagħhom jaqbeż limitu speċifiku stabbilit mil-liġi nazzjonali, fejn is-servizz ta' trasport jibda u jispiċċa fit-territorju tiegħu. L-Istat Membru ma għandux japplika tali rekwiżit għall-operazzjonijiet tat-trasport transfruntieri, inkluż għall-operazzjonijiet tat-trasport fi tranżitu mit-territorju tiegħu, jew għall-SMEs.

2. Mingħajr preġudizzju għar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, l-Istati Membri jistgħu jintroduċu inċentivi amministrattivi, finanzjarji jew operazzjonali biex jistimulaw l-użu ta' data primarja.
3. L-użu ta' data sekondarja għall-kalkolu tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra ta' servizz tat-trasport għandu jkun permess fil-qafas tal-kundizzjonijiet li ġejjin:
  - (a) fejn il-valuri prestabbiliti għall-intensitajiet tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra huma derivati minn:
    - (i) bażi ta' data ewlenija tal-Unjoni tal-valuri prestabbiliti għall-intensitajiet tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra ("bażi ta' data ewlenija tal-Unjoni"), kif imsemmija fl-Artikolu 5; jew
    - (ii) bażijiet ta' data u settijiet tad-data tal-valuri prestabbiliti għall-intensitajiet tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra operati minn partijiet terzi, f'konformità mal-Artikolu 6;
  - (b) fejn il-valuri prestabbiliti tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra għall-vetturi tal-enerġija tat-trasport huma derivati mill-bażi ta' data ċentrali tal-Unjoni dwar il-fatturi prestabbiliti tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra ("bażi ta' data ċentrali tal-Unjoni"), kif imsemmi fl-Artikolu 7;
  - (c) fejn d-data mmudellata tiddependi fuq mudell stabbilit f'konformità mal-metodoloġija komuni msemmija fl-Artikolu 3(1), u, fejn xieraq, f'konformità mal-kundizzjonijiet għall-użu ta' data sekondarja stipulati fil-punti (a) u (b) ta' dan il-paragrafu, u mad-dispożizzjonijiet dwar l-użu ta' għodod ta' kalkolu stipulati fl-Artikoli 8 u 11.

F'konformità mal-metodoloġija komuni, meta l-entitajiet tat-trasport u tal-hub iwettqu kalkolu ex ante tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra ta' servizz tat-trasport speċifiku, huma jistgħu jużaw valuri prestabbiliti għall-intensitajiet tal-emissjoni tal-gassijiet serra stabbiliti abbażi ta' data primarja minn servizz tat-trasport ta' karatteristiċi simili mwettqa mill-istess entitajiet fis-sena ta' qabel il-kalkolu ex ante.

4. Meta l-entitajiet tat-trasport u tal-hub u l-intermedjarji tad-data jużaw bħala data tal-input id-data primarja li diġà tkun intużat bħala bażi biex tiġi stabbilita data tal-output li tkun ġiet ivverifikata skont atti legali oħra tal-Unjoni minn korp akkreditat imsemmi fl-Artikolu 16, il-verifika msemmija fl-Artikolu 12(1) ma għandhiex tkun meħtieġa tindirizza s-sorsi tad-data tal-input użata għall-kalkolu kif imsemmi fl-Artikolu 13(2), il-punt (b).
5. Meta jikkalkulaw l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-elettriku kkunsmat, l-entitajiet tat-trasport u tal-hub u l-intermedjarji tad-data jistgħu jagħżlu li jużaw l-approċċ ibbażat fuq is-suq minflok id-data sekondarja bbażata fuq il-post, dment li jiġu ssodisfatti l-kundizzjonijiet stipulati fl-Anness J tal-istandard EN ISO.

## *Artikolu 5*

### *Bażi ta' data ewlenija tal-Unjoni tal-valuri prestabbiliti għall-intensitajiet tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra*

1. Il-Kummissjoni, bl-assistenza teknika tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u, fejn meħtieġ, b'kontribut addizzjonali u volontarju tal-Istati Membri, għandha sa... [42 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] tistabbilixxi bażi ta' data ewlenija tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għandha tagħmel hilita biex tinkludi fil-bażi ta' data ewlenija tal-Unjoni valuri prestabbiliti għall-intensitajiet tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra għat-tipi ta' vetturi tipikament użati fl-Unjoni, f'xi wħud mill-Istati Membri jew fl-Istati Membri kollha.
2. Fejn disponibbli u xieraq, il-bażi ta' data ewlenija tal-Unjoni għandha tinkludi valuri prestabbiliti għall-intensitajiet tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra miftiehma mill-Unjoni, jew fl-interess tal-Unjoni, fil-livell internazzjonali.
3. Il-bażi ta' data ewlenija tal-Unjoni għandha tinkludi tabella separata għal kull mod ta' trasport, b'mod partikolari għall-valuri prestabbiliti għall-intensitajiet tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tat-tbaħħir marittimu. Id-data dwar it-tbaħħir marittimu għandha tinkiseb mill-bażi ta' data THETIS-MRV u tiġi kkomplementata, fejn applikabbli, minn sorsi oħra ta' informazzjoni, bħall-bażi ta' data FuelEU stabbilita skont l-Artikolu 19(1) tar-Regolament (UE) 2023/1805.

4. Meta tfassal il-valuri prestabbiliti għall-intensitajiet tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra, il-Kummissjoni għandha:
- (a) tapplika l-approċċ ibbażat fuq il-post previst fil-metodoloġija komuni msemmija fl-Artikolu 3(1) u, fejn xieraq, tqis il-karatteristiċi uniċi ta' Stati Membri differenti;
  - (b) tqis il-fatturi tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra li jkunu ġew iddeterminati f'konformità mad-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>19</sup>.
5. Il-Kummissjoni għandha, bl-għajjnuna teknika tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, tiżgura l-manutenzjoni, l-aġġornament regolari, l-iżvilupp kontinwu, u livell xieraq ta' sigurtà, tal-bażi ta' data ewlenija tal-Unjoni skont il-paragrafu 1, filwaqt li tqis l-evoluzzjoni tal-ogħla livell ta' żvilupp teknoloġiku fis-settur tat-trasport, u kwalunkwe approċċ metodoloġiku ġdid għall-kalkolu tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra. Il-Kummissjoni għandha tiżgura l-kompatibbiltà u l-konsistenza tal-bażi ta' data ewlenija tal-Unjoni mal-atti legali eżistenti tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta, tal-inqas fuq bażi annwali, il-ħtieġa li taġġorna l-bażi ta' data ewlenija tal-Unjoni.

---

<sup>19</sup> Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2018/2001/oj>).

Kull meta l-valuri prestabbiliti għall-intensitajiet tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra li jinsabu fil-bażi ta' data ewlenija tal-Unjoni jiġu aġġornati, il-Kummissjoni għandha, mingħajr dewmien żejjed, tagħmel il-valuri prestabbiliti aġġornati disponibbli għall-pubbliku. L-entitajiet tat-trasport u tal-hub u l-intermedjarji tad-data għandhom jużaw l-aħħar data disponibbli biex jikkalkulaw u jiżvelaw l-informazzjoni tagħhom dwar l-emissjonijiet ta' gassijiet serra fi żmien 18-il xahar mid-data li fiha l-aġġornament isir disponibbli għall-pubbliku.

L-obbligu li jintużaw il-valuri prestabbiliti aġġornati msemmija fit-tieni subparagrafu għandu japplika biss għal data tal-output ġdida li għandha tiġi kkalkulata u żvelata wara l-aġġornament, mingħajr ma tkun meħtieġa r-reviżjoni retroattiva tal-informazzjoni diġà ppubblikata.

6. L-aċċess mill-pubbliku għall-bażi ta' data ewlenija tal-Unjoni, sabiex jiġu kkonsultati jew jintużaw il-valuri prestabbiliti għall-intensitajiet tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra, għandu jkun mingħajr ħlas, u jkun ipprovdut fil-lingwi uffiċjali kollha tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni.

#### *Artikolu 6*

##### *Bażijiet tad-data u settijiet tad-data tal-valuri prestabbiliti għall-intensitajiet tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra operati minn partijiet terzi*

1. Żviluppatur ta' bażi ta' data jew sett tad-data ta' parti terza għandu jissottometti applikazzjoni lill-Kummissjoni għal kontroll tekniku tal-kwalità tal-valuri prestabbiliti għall-intensitajiet tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra inklużi f'dik il-bażi ta' data jew sett tad-data. Il-Kummissjoni, bl-assistenza teknika tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, għandha tivvaluta dik l-applikazzjoni billi twettaq tali kontroll tekniku tal-kwalità f'konformità mal-metodoloġija komuni msemmija fl-Artikolu 3(1).

2. Għandhom jintużaw biss bażijiet ta' data u settijiet tad-data ta' parti terza ta' valuri għall-intensitajiet tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra li jkunu ġew ivvalutati b'mod pożittiv skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għall-fini tad-derivazzjoni ta' data sekondarja f'konformità mal-Artikolu 4(3), il-punt (a)(ii). Il-Kummissjoni għandha tippubblika u żżomm lista aġġornata tal-bażijiet ta' data li jistipulaw il-valuri prestabbiliti għall-intensitajiet tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mħaddma minn partijiet terzi li jkunu ġew ivvalutati b'mod pożittiv. Dik il-lista aġġornata għandha tkun disponibbli għall-pubbliku fuq sit web iddedikata.
3. L-obbligu għal kontroll tekniku tal-kwalità stabbilit fil-paragrafu 1 għandu japplika minn... [12-il xahar mid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament]. Valutazzjoni pożittiva skont il-paragrafu 2 għandha tkun valida għal sentejn.
4. Mhux aktar tard minn ... [48 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jstabbilixxu regoli u kundizzjonijiet dettaljati għat-twettiq tal-kontroll tekniku tal-kwalità msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u kundizzjonijiet għal valutazzjoni pożittiva skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. L-atti ta' implimentazzjoni għandhom jispeċifikaw il-perjodu ta' żmien li fih għandhom jitwettqu l-kontrolli tekniċi tal-kwalità. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 18(2).

## *Artikolu 7*

### *Bażi ta' data ċentrali tal-Unjoni tal-valuri prestabbiliti għall-fatturi tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra*

1. Il-Kummissjoni, bl-assistenza teknika tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u, fejn meħtieġ, bil-kontribut addizzjonali u volontarju tal-Istati Membri, tal-partijiet ikkonċernati rilevanti u ta' korpi settorjali oħra tal-Unjoni, għandha, sa ... [24 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], tistabbilixxi bażi ta' data ċentrali tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għandha tagħmel hliitha biex fil-bażi ta' data ċentrali tal-Unjoni tinkludi valuri prestabbiliti għall-fatturi tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra għal vetturi tal-enerġija tat-trasport tipikament użati fl-Unjoni, f'xi wħud mill-Istati Membri jew fl-Istati Membri kollha.
2. Meta tfassal il-valuri prestabbiliti għall-fatturi ta' emissjoni tal-gassijiet serra, il-Kummissjoni għandha tapplika l-approċċ ibbażat fuq il-post previst fil-metodoloġija komuni msemmija fl-Artikolu 3(1) u, fejn xieraq, tqis il-karatteristiċi uniċi ta' Stati Membri differenti.  
  
Mingħajr preġudizzju għall-ewwel subparagrafu ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tqis il-fatturi tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra li jkunu ġew iddeterminati f'konformità mad-Direttiva (UE) 2018/2001.
3. Fejn disponibbli u xieraq, il-bażi ta' data ċentrali tal-Unjoni għandha tinkludi valuri prestabbiliti għall-fatturi tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra miftiehma mill-Unjoni, jew fl-interess tal-Unjoni, fil-livell internazzjonali.

4. Il-Kummissjoni għandha, bl-għajjnuna teknika tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, tiżgura l-manutenzjoni, l-aġġornament regolari u l-iżvilupp kontinwu, u livell xieraq ta' sigurtà, tal-bażi ta' data ċentrali tal-Unjoni skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, filwaqt li tqis il-ħtieġa għal aġġustamenti għal kwalunkwe komponent għall-istandard kif imsemmi fl-Artikolu 3(1), l-evoluzzjoni tal-ogħla livell ta' żvilupp teknoloġiku fis-settur tat-trasport, u approċċi metodoloġiċi ġodda għall-kalkolu tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra. Il-Kummissjoni għandha tiżgura l-kompatibbiltà u l-konsistenza tal-bażi ta' data ċentrali tal-Unjoni mal-atti legali eżistenti tal-Unjoni.

Kull meta l-valuri prestabbiliti għall-fatturi tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra li jinsabu fil-bażi ta' data ċentrali tal-Unjoni jiġu aġġornati, il-Kummissjoni għandha, mingħajr dewmien żejjed, tagħmel il-valuri aġġornati disponibbli għall-pubbliku. L-entitajiet tat-trasport u tal-hub u l-intermedjarji tad-data għandhom jużaw l-aħħar data disponibbli biex jikkalkulaw u jiżvelaw l-informazzjoni tagħhom dwar l-emissjonijiet ta' gassijiet serra fi żmien 18-il xahar mid-data li fiha l-aġġornament isir disponibbli għall-pubbliku.

L-obbligu li jintużaw il-valuri prestabbiliti aġġornati msemmija fit-tieni subparagrafu għandu japplika biss għal data tal-output ġdida li għandha tiġi kkalkulata u żvelata wara l-aġġornament, mingħajr ma tkun meħtieġa r-reviżjoni retroattiva tal-informazzjoni diġà ppubblikata.

5. L-aċċess mill-pubbliku għall-bażi ta' data ċentrali tal-Unjoni, sabiex jiġu kkonsultati jew jintużaw il-valuri prestabbiliti tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra għall-vetturi tal-enerġija tat-trasport, għandu jkun mingħajr ħlasu pprovdut fil-lingwi uffiċjali kollha tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni.

*Artikolu 8*  
*Għodda ta' kalkolu tal-UE*

1. Sa ... [48 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni, biex tiżgura li għodda ta' kalkolu tal-UE simplifikata, faċli għall-utent u mingħajr ħlas, li tiffaċilita l-kalkoli bbażati fuq data primarja u li tippermetti l-użu ta' valuri prestabbiliti għall-intensitajiet tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u, fejn disponibbli u rilevanti, ta' valuri prestabbiliti għall-fatturi tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, f'konformità mal-Artikolu 4(3), il-punti (a) u (b), rispettivament, issir aċċessibbli mill-pubbliku għall-operaturi tat-trasport u tkun imfassla biex tappoġġa b'mod partikolari lill-operaturi tat-trasport mikro, żgħar u ta' daqs medju. Dik l-għodda ta' kalkolu tal-UE għandha tiġi aġġornata perjodikament. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 18(2).
2. Meta l-operaturi tat-trasport jużaw l-għodda ta' kalkolu tal-UE għall-istabbiliment tad-data tal-output, il-verifika msemmija fl-Artikolu 12(1) ma għandhiex tkun meħtieġa tindirizza l-korrettezza tal-kalkolu mwettaq kif imsemmi fl-Artikolu 13(2), il-punt (c).
3. Sabiex titrawwem l-applikazzjoni mifruxa tal-istandard EN ISO mill-operaturi tat-trasport, u b'mod partikolari mill-SMEs, l-għodda ta' kalkolu tal-UE għandha tkun akkumpanjata minn manwal, li jgħin lill-SMEs fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u li jispjega b'mod ċar kif għandhom jintużaw il-funzjonalitajiet tal-għodda ta' kalkolu tal-UE. Dak il-manwal għandu jkun disponibbli fil-lingwi uffiċjali kollha tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni.

## **Kapitolu IV**

### **Data tal-output u trasparenza**

#### *Artikolu 9*

*Stabbiliment ta' data tal-output dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra ta' servizz tat-trasport*

1. Id-data tal-output għandha tiġi stabbilita bl-użu tal-metodoloġija komuni u tad-data tal-input f'konformità mal-Artikoli 3 sa 7.
2. Id-data tal-output tista' tiġi stabbilita bl-użu ta' għodod ta' kalkolu. L-għodod ta' kalkolu esterni għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 11.
3. Id-data tal-output bħala minimu għandha tikkonsisti f'massa totali ta' ekwivalenti ta' diossidu tal-karbonju (CO<sub>2</sub>e) għal kull servizz tat-trasport, u, fir-rigward ta' tip ta' servizz tat-trasport ikkonċernat, f'mill-inqas waħda mill-metriċi komuni li ġejjin:
  - (a) massa ta' CO<sub>2</sub>e għal kull tunnellata-kilometru, jew unitajiet ekwivalenti, għat-trasport tal-merkanzija;
  - (b) massa ta' CO<sub>2</sub>e għal kull tunnellata, jew unitajiet ekwivalenti, għat-throughput tal-hub tal-merkanzija;
  - (c) massa ta' CO<sub>2</sub>e għal kull kilometru tal-passiġġieri, jew unitajiet ekwivalenti, għat-trasport tal-passiġġieri;
  - (d) massa ta' CO<sub>2</sub>e għal kull passiġġier, jew unitajiet ekwivalenti, għat-throughput tal-hub tal-passiġġieri.

4. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 17 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi jikkumplementaw il-lista ta' metriċi komuni għad-data tal-output imsemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

### *Artikolu 10*

#### *Komunikazzjoni u trasparenza*

1. L-entitajiet tat-trasport u tal-hubs u l-intermedjarji tad-data għandhom jiżvelaw id-data tal-output b'mod ċar u mhux ambigwu, kull meta possibbli, qabel il-forniment ta' servizz tat-trasport jew il-konklużjoni ta' kuntratt tat-trasport. Meta l-entitajiet tat-trasport u tal-hubs u l-intermedjarji tad-data jiżvelaw id-data tal-output, fil-komunikazzjoni li takkumpanja dak l-iżvelar għandhom jinkludu d-dikjarazzjoni "Emissjonijiet tal-gassijiet serra kkalkulati f'konformità mar-Regolament (UE) 2026/..."<sup>+</sup> f'mill-inqas waħda mil-lingwi uffiċjali tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, u fejn possibbli, anki f'lingwa uffiċjali tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jitwettaq is-servizz.
2. L-entitajiet tat-trasport u tal-hubs u l-intermedjarji tad-data jistgħu jagħżlu li juru b'mod viżibbli l-informazzjoni li ġejja:
  - (a) jekk id-data tagħhom hijiex soġġetta għall-verifika msemmija fl-Artikolu 12(1);
  - (b) jekk użawx esklużivament data primarja għall-kalkoli tagħhom tad-data tal-output;
  - (c) jekk użawx l-għodda ta' kalkolu tal-UE msemmija fl-Artikolu 8.

---

<sup>+</sup> ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 22/26 (2023/0266(COD)).

3. Meta d-data tal-output tinkiseb u tiġi żvelata minn intermedjarju tad-data li ma jikkalkulax l-emissjonijiet abbażi ta' arranġamenti separati, għandhom japplikaw il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-Artikolu 9(3). Meta jiżvelaw id-data tal-output, l-intermedjarju tad-data għandu jinkludi referenza għas-sors ta' dik id-data tal-output.
4. Meta tintuża data primarja, l-entitajiet tat-trasport u tal-hubs u l-intermedjarji tad-data għandhom ikunu intitolati jikkomunikaw dak il-fatt lil kwalunkwe parti terza dment li l-użu tad-data primarja jkun ġie aċċertat f'konformità mal-verifika prevista fl-Artikoli 12 u 13.
5. L-entitajiet tat-trasport u tal-hubs u l-intermedjarji tad-data li jikkalkulaw l-emissjonijiet tal-gassijiet serra għandhom ikunu jistgħu jipprovdu evidenza li tissostanzja kif ġiet stabbilita d-data tal-output. Dik l-evidenza għandha tingħata f'konformità mal-metodoloġija komuni msemmija fl-Artikolu 3(1), u:
  - (a) għandha sservi bħala bażi għall-valutazzjoni tal-verifika mwettqa f'konformità mal-Artikoli 12 u 13;
  - (b) għandha ssir disponibbli fuq talba ta' awtorità kompetenti, maħtura skont il-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali, jew ta' parti terza oħra sakemm japplikaw obbligi legali jew kuntrattwali separati;

- (c) meta l-verifika titwettaq f'konformità mal-Artikoli 12 u 13, din għandha tinkludi referenza għall-prova tal-konformità msemija fl-Artikolu 13(6), u l-informazzjoni ta' kuntatt tal-korp tal-valutazzjoni tal-konformità li jkun fassal il-prova tal-konformità;
  - (d) meta d-data tal-output tiġi stabbilita permezz tal-użu ta' għodda ta' kalkolu esterna msemija fl-Artikolu 9(2), din għandha tinkludi referenza għal dik l-għodda ta' kalkolu.
6. Id-data tal-output u l-evidenza msemija fil-paragrafu 5 għandhom jiġu stabbiliti b'mod ċar u mhux ambigwu, f'mill-inqas waħda mil-lingwi uffiċjali tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni. Meta jkun possibbli, dawn għandhom ikunu disponibbli fil-forma ta' weblink, kodiċi QR jew ekwivalenti.
  7. Id-data personali għandha tiġi pproċessata f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>20</sup>.
  8. Kwalunkwe riċevitur tad-data tal-output u tal-evidenza msemija fil-paragrafu 5 għandu jieħu miżuri biex jiżgura l-kunfidenzjalità tad-data kummerċjali rilevanti li tiġi pproċessata u kkomunikata f'konformità ma' dan ir-Regolament, u jiżgura li tali data tal-output u evidenza tkun tista' tiġi aċċessata, ipproċessata u żvelata biss meta tkun awtorizzata.

---

<sup>20</sup> Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj>).

# Kapitolu V

## Miżuri Komplementari

### *Artikolu 11*

#### *Ċertifikazzjoni tal-għodod ta' kalkolu esterni*

1. L-għodod ta' kalkolu esterni) għandhom jiġu ċertifikati minn korp tal-valutazzjoni tal-konformità kif imsemmi fl-Artikolu 14.
2. L-iżviluppaturi 'tal-għodda ta' kalkolu esterni għandhom jissottomettu applikazzjoni lil korp tal-valutazzjoni tal-konformità kif imsemmi fl-Artikolu 14 li għandu jivvaluta l-konformità tal-għodda ta' kalkolu esterna mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 3 sa 9. Fil-każ ta' valutazzjoni pożittiva, il-korp tal-valutazzjoni tal-konformità għandu joħroġ ċertifikat tal-konformità tal-għodda ta' kalkolu esterna ma' dan ir-Regolament. Iċ-ċertifikat għandu jkun validu għal sentejn. Fil-każ ta' valutazzjoni negattiva, il-korp tal-valutazzjoni tal-konformità għandu jipprova r-raġunijiet għall-valutazzjoni negattiva lill-applikant.
3. Il-korp tal-valutazzjoni tal-konformità kkonċernat għandu jżomm lista aġġornata tal-għodod ta' kalkolu esterni li huwa jkun iċċertifika u ta' dawk li għalihom ikun irrestrinġa, issospenda jew irtira ċ-ċertifikazzjoni. Huwa għandu jagħmel din il-lista disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit web tiegħu u għandu jikkomunika l-indirizz ta' dak is-sit web lill-Kummissjoni mingħajr dewmien.

4. Il-Kummissjoni għandha tippubblika fuq is-sit web uffiċjali tagħha lista aċċessibbli faċilment tal-għodod ta' kalkolu esterni kollha li ġew iċċertifikati f'konformità mal-paragrafi 1 u 2, kif ukoll link għas-siti web imsemmija fil-paragrafu 3.
5. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu regoli dwar iċċertifikazzjoni tal-għodod ta' kalkolu esterni, u dwar iċċertifikat tal-konformità relatat, inklużi regoli dwar ir-restrizzjoni, it-tiġdid, is-sospensjoni u l-irtirar ta' iċċertifikazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 18(2).

## **Kapitolu VI**

### **Verifika tad-data tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u tal-kalkoli**

#### *Artikolu 12*

#### *Kamp ta' applikazzjoni tal-verifika*

1. Il-konformità tad-data tal-output imsemmija fl-Artikolu 9 mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 3 sa 9 għandha tiġi vverifikata minn korp tal-valutazzjoni tal-konformità kif imsemmi fl-Artikolu 14.

2. Il-paragrafu 1 għandu japplika għall-entitajiet tat-trasport u tal-hubs u l-intermedjarji tad-data li jikkalkulaw l-emissjonijiet, bl-eċċezzjoni tal-SMEs. L-SMEs jistgħu jgħaddu minn verifika skont dan ir-Regolament fuq talba tagħhom.

### *Artikolu 13*

#### *Attivitajiet ta' verifika*

1. Il-korp tal-valutazzjoni tal-konformità msemmi fl-Artikolu 14 għandu jivverifika l-affidabbiltà, il-kredibbiltà, l-aderenza u l-preċiżjoni tad-data tal-output żvelata minn entitajiet tat-trasport u tal-hubs u l-intermedjarji tad-data li jikkalkulaw l-emissjonijiet.
2. Il-korp tal-valutazzjoni tal-konformità għandu jivverifika l-konformità tad-data tal-output żvelata mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 3 sa 9, u abbażi tal-evidenza msemmija fl-Artikolu 10(5). Dik il-verifika għandha tindirizza:
  - (a) il-metodoloġija tal-kalkolu użata;
  - (b) is-sorsi tad-data tal-input użati għall-kalkolu;
  - (c) il-korrettezza tal-kalkolu mwettaq;
  - (d) il-metriċi komuni applikati.
3. Meta jintużaw għodod ta' kalkolu esterni, il-korp tal-valutazzjoni tal-konformità għandu jqis iċ-ċertifikati ta' konformità rispettivi tagħhom kif imsemmi fl-Artikolu 11(2).

4. Meta l-verifika tidentifika kalkoli skorretti jew nuqqas ta' konformità mal-Artikoli 3 sa 9, il-korp tal-valutazzjoni tal-konformità għandu jinforma lill-entitajiet tat-trasport u tal-hubs u l-intermedjarji tad-data kkonċernati b'dan mingħajr dewmien żejjed. Dawk l-entitajiet tat-trasport u tal-hubs u l-intermedjarji tad-data għandhom minn hemm 'il quddiem jikkoreġu l-kalkolu jew jirrimedjaw kwalunkwe nuqqas ta' konformità sabiex jippermettu t-tlestija tal-verifika.
5. L-entitajiet tat-trasport u tal-hubs u l-intermedjarji tad-data għandhom jipprovdu lill-korp tal-valutazzjoni tal-konformità bi kwalunkwe informazzjoni addizzjonali li tippermettilu jwettaq il-verifika. Il-korp tal-valutazzjoni tal-konformità jista' jwettaq kontrolli matul il-verifika biex jiddetermina l-affidabbiltà tad-data u tal-kalkoli.
6. Mat-tlestija tal-verifika, il-korp tal-valutazzjoni tal-konformità għandu jfassal, meta xieraq, prova tal-konformità li tikkonferma li d-data tal-output tikkonforma mar-rekwiżiti rilevanti stabbiliti f'dan ir-Regolament u li tispeċifika jekk l-entitajiet tat-trasport u tal-hubs u l-intermedjarji tad-data jużawx data primarja.
7. Il-korp tal-valutazzjoni tal-konformità kkonċernat għandu jfassal u jżomm lista aġġornata tal-entitajiet tat-trasport u tal-hubs u l-intermedjarji tad-data li jkunu għaddew mill-verifika skont dan l-Artikolu. Sal-31 ta' Marzu ta' kull sena, il-korp tal-valutazzjoni tal-konformità għandu jinnotifika dik il-lista lill-Kummissjoni.

8. F'każijiet fejn id-data tal-output tkun diġà ġiet ivverifikata skont atti legali oħra tal-Unjoni li jistabbilixxu regoli speċifiċi dwar il-verifika tad-data tal-output, u li jiżguraw il-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, tali data tal-output għandha titqies li tkun ġiet ivverifikata skont dan l-Artikolu.
9. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu regoli dettaljati dwar il-verifika tad-data tal-output, il-frekwenza xierqa ta' dik il-verifika u l-prova tal-konformità relatata. Dawk ir-regoli għandhom jinkludu dispożizzjonijiet relatati mal-evidenza msemmija fl-Artikolu 10(5), u d-drittijiet ta' komunikazzjoni relatati mal-użu ta' data primarja msemmija fl-Artikolu 10(4). Meta tistabbilixxi dawk ir-regoli, il-Kummissjoni għandha tqis kif xieraq kriterji oġġettivi, inkluż in-natura u l-iskala tas-servizz tat-trasport ikkonċernat, ir-riskju relattiv ta' nuqqas ta' konformità, u l-ħtieġa li jiġu evitati piżijiet amministrattivi sproporzjonati. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 18(2).

## Kapitolu VII

### Akkreditazzjoni

#### *Artikolu 14*

#### *Korpi tal-valutazzjoni tal-konformità*

1. Il-korpi tal-valutazzjoni tal-konformità għandhom jiġu akkreditati biex iwettqu l-attivitajiet ta' ċertifikazzjoni jew ta' verifika msemmija fl-Artikoli 11, 12 u 13.
2. Il-korp tal-valutazzjoni tal-konformità għandu jkun indipendenti mill-entitajiet tat-trasport u tal-hubs u mill-intermedjarji tad-data li japplikaw għall-attivitajiet ta' ċertifikazzjoni jew ta' verifika msemmija fl-Artikoli 11, 12 u 13.
3. Il-korp tal-valutazzjoni tal-konformità, il-maniġment superjuri tiegħu u l-persunal responsabbli għat-twettiq tal-attivitajiet ta' ċertifikazzjoni jew ta' verifika ma għandhom jinvolvu ruħhom fl-ebda attività li tista' tkun f'kunflitt mal-indipendenza tal-ġudizzju jew mal-integrità tagħhom b'rabta mal-attivitajiet ta' ċertifikazzjoni jew ta' verifika.
4. Il-korp tal-valutazzjoni tal-konformità u l-persunal tiegħu għandhom iwettqu l-attivitajiet ta' ċertifikazzjoni jew ta' verifika bl-ogħla livell ta' integrità professjonali u l-kompetenza teknika meħtieġa u għandhom ikunu ħielsa minn kull pressjoni u inċentiv, b'mod partikolari finanzjarji, li jistgħu jinfluwenzaw il-ġudizzju tagħhom jew ir-riżultati ta' dawk l-attivitajiet, speċjalment fir-rigward ta' persuni jew ta' gruppi ta' persuni b'interess fir-riżultati ta' dawk l-attivitajiet.

5. Il-korp tal-valutazzjoni tal-konformità għandu jkollu l-għarfien espert, it-tagħmir u l-infrastruttura meħtieġa biex iwettaq l-attivitajiet ta' ċertifikazzjoni jew ta' verifika li b'rabta magħhom ikun ġie akkreditat.
6. Il-persunal ta' korp tal-valutazzjoni tal-konformità għandu josserva s-segretezza professjonali fir-rigward tal-informazzjoni kollha miksuba fit-twettiq tal-attivitajiet ta' ċertifikazzjoni u tal-verifika.
7. Meta korp tal-valutazzjoni tal-konformità jissottokuntratta attivitajiet speċifiċi konnessi ma' ċertifikazzjoni jew mal-verifika, jew jirrikorri għal sussidjarju, huwa għandu jieħu responsabbiltà sħiħa għall-attivitajiet mwettqa minn sottokuntratturi u minn sussidjarji jkunu fejn ikunu stabbiliti dawk l-attivitajiet, inkluż billi jivvaluta u jimmonitorja l-kwalifiki tas-sottokuntrattur jew tas-sussidjarja u l-ħidma mwettqa minnhom.

#### *Artikolu 15*

##### *Proċeduri ta' akkreditazzjoni*

1. Il-korpi tal-valutazzjoni tal-konformità msemmija fl-Artikolu 14(1) ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu akkreditati minn korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 765/2008.
2. Kull Stat Membru għandu jiddeżinja awtorità li għandha żżomm lista aġġornata tal-korpi tal-valutazzjoni tal-konformità akkreditati. Dawk l-awtoritajiet nazzjonali maħturin għandhom jagħmlu dik il-lista disponibbli għall-pubbliku fuq sit web uffiċjali tal-gvern. Stat Membru jista' jiddeċiedi li tali dmir għandu jitwettaq mill-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni msemmi fil-paragrafu 1.

3. Sal-31 ta' Marzu ta' kull sena, il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni msemmi fil-paragrafu 1 għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bil-lista ta' korpi tal-valutazzjoni tal-konformità akkreditati, flimkien mal-informazzjoni ta' kuntatt rilevanti kollha.
4. Meta ma tkun stabbilita l-ebda dispożizzjoni speċifika dwar l-akkreditazzjoni tal-korpi tal-valutazzjoni tal-konformità f'dan ir-Regolament, għandu japplika r-Regolament (KE) Nru 765/2008.
5. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 16, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 17 sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi metodi u kriterji ulterjuri għall-akkreditazzjoni tal-korpi tal-valutazzjoni tal-konformità.

#### *Artikolu 16*

##### *Verifika skont atti legali oħra tal-Unjoni inkluż is-settur marittimu u tal-avjazzjoni*

1. Il-verifikaturi akkreditati skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2015/757 u l-atti delegati adottati abbażi tiegħu, jew skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2023/1805 u l-atti delegati adottati abbażi tiegħu, jistgħu jwettqu l-attivitajiet ta' verifika tal-korpi tal-valutazzjoni tal-konformità skont l-Artikolu 13 ta' dan ir-Regolament. Dawk il-verifikaturi għandhom jitqiesu akkreditati skont l-Artikoli 14 u 15 ta' dan ir-Regolament biex iwettqu l-attivitajiet ta' verifika għas-settur marittimu.

2. Il-verifikaturi akkreditati skont l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2003/87/KE u l-atti ta' implimentazzjoni adottati abbażi tagħha, jistgħu jwettqu l-attivitajiet ta' verifika tal-korpi tal-valutazzjoni tal-konformità skont l-Artikolu 13 ta' dan ir-Regolament. Dawk il-verifikaturi għandhom jitqiesu akkreditati skont l-Artikoli 14 u 15 ta' dan ir-Regolament biex iwettqu l-attivitajiet ta' verifika għas-settur tal-avjazzjoni.
3. Il-verifikaturi msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jinfurmaw lill-awtorità msemmija fl-Artikolu 15(2) bl-intenzjoni tagħhom li jwettqu l-attivitajiet ta' verifika tal-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità skont dan ir-Regolament qabel ma jwettqu l-ewwel verifika tagħhom skont dan ir-Regolament.

## **Kapitolu VIII**

### **Atti delegati u ta' implimentazzjoni**

#### *Artikolu 17*

#### *Eżerċizzju tad-delega*

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 3(4), l-Artikolu 9(4) u l-Artikolu 15(5) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 3(4), l-Artikolu 9(4) u l-Artikolu 15(5) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttejjem id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.
4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.
5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 3(4), l-Artikolu 9(4) jew l-Artikolu 15(5) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se jrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

*Artikolu 18*  
*Proċedura ta' Kumitat*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun meġhuna minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

**Kapitolu IX**  
**Dispożizzjonijiet finali**

*Artikolu 19*  
*Evalwazzjoni u rapport*

Il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament fid-dawl tal-oġġettiv li jsegwi u tippreżenta rapport dwar is-sejbiet ewlenin lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sa ... [48 xahar mid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament].

Ir-rapport imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jinkludi:

- (a) analiżi tal-konsegwenzi għall-entitajiet tat-trasport u tal-hubs u l-intermedjarji tad-data rigward il-kostijiet amministrattivi relatati mal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament;
- (b) valutazzjoni ta' kif jista' jiġi inċentivat aktar l-użu ta' data primarja;

- (c) analiżi tal-effetti ta' rekwiżit obbligatorju li jiġu kwantifikati u żvelati l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, f'konformità ma' dan ir-Regolament kif applikabbli għall-entitajiet tat-trasport u tal-hubs;
- (d) valutazzjoni tal-fattibbiltà tal-kontabbilizzazzjoni tat-tniġġis tal-arja kkawżat mis-servizzi tat-trasport;
- (e) valutazzjoni tal-azzjonijiet meħuda biex jiġi żgurat li dan ir-Regolament ikun kompletament aċċessibbli;
- (f) analiżi ta' kif l-intermedjarji tad-data jiżvelaw id-data tal-output skont dan ir-Regolament u l-effetti possibbli ta' dak l-iżvelar fuq l-għażliet magħmula mill-korpi pubbliċi, l-intrapriżi u l-konsumaturi;
- (g) valutazzjoni tal-fattibbiltà li l-metodoloġija komuni tiġi ssupplimentata biex jitqiesu wkoll l-emissjonijiet ta' gassijiet serra relatati mal-produzzjoni, il-manutenzjoni u r-rimi tal-vetturi; tali valutazzjoni għandha tinkludi rapport dwar il-progress li jkun sar fl-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni biex jiġi żviluppat standard aċċettat globalment ibbażat fuq l-emissjonijiet tul iċ-ċiklu tal-ħajja.

*Artikolu 20*

*Dħul fis-seħħ u applikazzjoni*

1. Dan ir-Regolament għandu jidhul fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

2. Għandu japplika minn ... [54 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Madankollu, l-Artikolu 3(4), (5) u (6), l-Artikolu 5(1), l-Artikolu 6(4), l-Artikolu 7(1), l-Artikolu 8(1) u (3), l-Artikolu 9(4), l-Artikolu 11(5), l-Artikolu 13(9) u l-Artikolu 15(5) għandhom japplikaw mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu,

*Għall-Parlament Ewropew*

*Il-President*

*Għall-Kunsill*

*Il-President*